# Is-Sultan
# u l-Kaptan

---

Kummiedja f'żewġ Atti
ta'
## Trevor Żahra

*ispirata mill-kummiedja "Bugħawwieġ"*

---

Il-ġrajja kollha tiżvolġi f'sala waħda fil-Palazz tas-Sultan

---

***Jieħdu Sehem***:

Sultna / Kaptan ................................................
Reġina Flora ....................................................
Prassede *(omm Flora)* .....................................
Awreljo *(Kanċillier, ħabib tas-Sultan)* .............
Prinċipessa Ġjaċinta ........................................
Dolindo *(bin il-Markiż)* ...................................
Dottor Siġismondo ..........................................
Markiż:
Alfiero di Xpakka Muntanji.............................
Kaptan Fjakk *(kap tas-suldati)* .......................
3 Suldati ............................................................
4 Sefturi .............................................................

***NOTA:*** ***Taqsim tal-Palk:***
***Żewġ bibien fuq kull naħa, tnejn in-naħa tal-lemin u tnejn in-naħa tax-xellug.***
***Il-bibien immarkati nru 1 huma dawk fuq quddiem (ie: eqreb lejn l-udjenza)***

## L-EWWEL ATT

XENA 1
Prassede - Reġina (Sefturi - Tabib)

*Reġina Flora u Prassede bil-qiegħda f'postijiet differenti*

PRASSEDE Hekk sewwa mela, ħadd ma jista' jmerih, jagħmel dak kollu li jfettillu u aħna jkollna dejjem inbaxxu rasna u ngħidulu "Iva Maestà" !

REĠINA Imma allura Ma, x'tippretendi minn sultan ?

PRASSEDE Iva dażgur... imma jekk huwa sultan, inti taħbat ukoll reġina! Jeħtieġ jibda jittrattak ta' reġina tassew.

REĠINA Xi trid tagħmel Ma, hekk hu magħmul.

PRASSEDE *(Tħares lejn l-udjenza)* Skużawna, lanqas biss introduċejna ruħna magħkom. Biex tifhmu sewwa l-ġrajja tagħna jeħtieġ li, qabel xejn, tkunu tafu min aħna. Din taħbat binti l-għażiża, ir-Reġina Flora... *(lir-Reġina)* isa ruħi, qum u sellmilhom. Hekk brava. Skużawha tafux, għax għalkemm ilha ħames snin Reġina għadha ma tistax tidra. U jiena naħbat l-għażiża ommha; Prassede.

REĠINA U qegħdin ngħixu hawn fil-palazz tas-sultan...

PRASSEDE *(Bi qrusa)* Tas-Sultan Ġann-Karlo l-Ewwel.

REĠINA Ir-raġel tiegħi!

PRASSEDE *(B'aktar qrusa)* Ir-raġel tagħha. Qattus is-siegħa u l-mument li ħallejtha tieħdu.

REĠINA Ma... imma tinsiex li meta żżewwiġt lis-Sultan, jiena sirt sinjuruna.

PRASSEDE Dażgur... sinjuruna! Għandek minn kollox... dak kollu li tixtieq qalbek. Ftit jiem oħra jaħbat għeluq sninek u min jaf x'rigal sabiħ se jixtrilek, eh? Imma taf x'għandek l-aktar? Taf?

REĠINA Deheb u djamanti!

PRASSEDE Għandek l-għajat u t-tgergir ta' żewġek. Ja fekrun li hu. Dejjem ħsiebu biex jibbossja lil kulħadd. Dejjem jissuppervja u jikser lil kull min jiftillu. Imma sakemm hawn jien jaqbillu joqgħod attent. Jiena qatt ma nħallih bi kwietu, tibżax. Dejjem nibgħat lis-suldati u lis-sefturi għassa tiegħu jaraw xi jkun jagħmel, lil min ikellem... fejn imur. Għad nonsoblu waħda... tibżax.

REĠINA Ma, imma għid is-sewwa, inti mill-ewwel ma ħadtx grazzja miegħu.

PRASSEDE Mhux tassew. Għall-ewwel kont ħassejtni mkabbra tgħidx kemm... binti se tiżżewweġ lis-Sutan. Ma kontx għadni naf x'ħobż jiekol; tarax. Imma miegħi għandu jagħmilha. U rrid ngħidlek qabel ninsa li dil-biċċa li darba fil-ġimgħa qed imur dawra fuq il-baħar...waħdu... lili mhi togħġobni xejn.

REĠINA Fuq ordni tat-tabib, Ma. Għandu bżonn l-arja tal-baħar. Ma rajtx kemm kien qed isir pallidu.

PRASSEDE Huwa għad nagħmlu pallidu jien... meta nixroblu demmu kollu. Imbagħad taraw kemm ikollu bżonnha l-arja tal-baħar !

REĠINA *(Tibki)* Iva issa iskot Ma... iskot! Dan mhux kollu kliem fil-vojt? Aħna x'nistgħu nagħmlu għid? *(Taħbat tistordi)* Ajma... ajma... ma nafx x'qed jagħtini. Naħseb se jħossni ħażin. *(tintelaq fuq siġġu)*

PRASSEDE X'waħda din... ejjew isaw *(tersaq fil-ġenb...isejjaħ)* Lukarda, Ġiżwarda, Bennarda, Ġilarda... isaw... ir-Reġina ħassha ħażin.

*JIDĦLU S-SEFTURI (Lemin - 1)*
*IDURU MAGĦHA*

SEFTURA 1 Xi ġralek Maestà ?

SEFTURA 2 Hawn ara... ġibtilha maktur biex inxarrbulha wiċċha.

SEFTURA 3 Warrbu ftit ħalli nxommilha l-ħall.

SEFTURA 4 Rewħulha daqsxejn... hekk ara.

SEFTURA 1 *(Lil Prassede)* Miskina l-Maestà Tagħha. Wiċċha xejn mhu jogħġobni.

PRASSEDE Dik inkwiet għandha... inkwiet.

*JIDĦOL IT-TABIB (Dr. Siġismondo)- (Lemin-2)*

TABIB X'ġara? X'inqala'?

PRASSEDE Ħaffef Dottor Siġismondo. Il-Maestà Tagħha żgur qed tmut !

TABIB Warrbu min-nofs ħa nara ftit. *(Jeżaminaha ftit)* Ma jidhirx li se tmut għalissa... ta' lanqas sakemm għadha qed tieħu n-nifs.
*(Lir-Reġina b'ħafna ħlewwa)*. Wisq nobbli eċċellenza, reverendissima u sovrana Maestà Flora.... isa, ħallina nerġgħu naraw dik it-tbissima ħelwa tiegħek.

REĠINA *(Tiftaħ għajnejha)* X'ġara ???

KULĦADD Hiiiii.....!

PRASSEDE Dottor Siġismondo. Tassew ma nafx x'konna nagħmlu mingħajrek.

TABIB U jiena ma nafx x'kont tagħmel mingħajrkom... l-aktar.. mingħajr il-ħarsa ħelwa tal-Maestà tagħha.

PRASSEDE Għandek tabilħaqq don speċjali ta' kif tikkura l-mard.

TABIB Il-kura ta' xi ħadd għażiż għalina bħal ma hi l-Maestà Tagħha, hija ta' kura għalina nfusna !

*<u>JIDĦOL IS-SULTAN MA' ŻEWĠ SULDATI</u> (Xellug-2)*

XENA 2

Sultan - Reġina - Suldati

SULTAN X'ġara? Dan xi storbju hu? *(Lis-suldati)* Keċċu 'l kulħad 'il barra. Barra... barra. *(lir-Reġina)* Inti le... oqgħod hawn. *Sit!*

*<u>TABIB, PRASSEDE, SULDATI u SEFTURI JITILQU</u> (Lemin-1)*

SULTAN X'kien dan l-istorbju kollu?

REĠINA Għax... ħassni ftit ħażin!

SULTAN Dażgur... x'ma jħossokx ħażin b'dik dejjem iddur ma' saqajk.

REĠINA Min?

SULTAN Ma tafx min? Dik il-wiċċ ta' gamblu. Dejjem iddur magħna. Immur fejn immur dejjem insibha għassa tiegħi. Af li għad nitlef sabri u nagħmel waħda tinkiteb. Imma issa ħallina minn dan. Jien mhux fuq hekk irrid inkellmek. Qaluli li reġgħu raw lill-Kaptan.

REĠINA Dak il-Kaptan tan-Navy Spanjola?

SULTAN Mela x'inhu! Il-Kaptan Rodriquez de Fonseca! Dil-biċċa mhi togħġobni xejn. Xejn! Jeħtieġ nistħarriġha sewwa.

REĠINA Imma, għażiż tiegħi, ma nafx għalfejn qed tinkwieta daqshekk. X'fiha billi jkun hawn persuna oħra li tkun tixbhek ?

SULTAN Kif x'fiha? Skond ma qaluli dan mhux biss jixbahni.... dan huwa wiċċi mqaxxar. Preċiż bħali. Propju ftit ilu ġie wieħed mill-paġġi u qalli li rah u kellmu. Mhux biss jixbahni mija fil-mija imma saħansitra twil daqsi. Leħnu bħal tiegħi. Il-mod kif jimxi, kif iħares... kollox bħali preċiż. Anki kif jitbissem.

REĠINA *(Aside)* Mela ma tantx jitbissem miskin...

SULTAN X'inhu?

REĠINA Għidtlek "X'biċċa din!"

SULTAN Dażgur. Jiena, is-Sultan Ġann-Karlu l-Ewwel ma nista' qatt nittollera li jkun hawn ieħor bħali. Ma nistax ikun. Jien biss biżżejjed.

REĠINA Minn daqhekk naqbel miegħek.

SULTAN Jeħtieġ nitkixxef fejn joqgħod u nara kif nagħmel narrestah!

REĠINA Tarrestah?!

SULTAN U forsi... ma tafx kif... naqtagħhielu għall-mewt!

*<u>TIDĦOL IL-PRINĊIPESSA</u> (Lemin-2)*

---

**XENA 3**
Prinċipessa - Reġina - Sultan - Suldati

PRINĊESSA *(Tmur tiġri fuq ommha b'ittra f'idha. Ma tintebaħx b'missierha)* Mama'.... kitibli. *(Tintebaħ bis-sultan)* Kitibli... hmmm... iz-ziju Federiku.

SULTAN Kitiblek iz-ziju Federiku? Newwel 'l hawn.

PRINĊESSA *(Tross l-ittra ma' sidirha)* Le... le... qalli biex ma nuriha lil ħadd.

SULTAN *(Iċapċap idejh).*

*<u>JIDĦLU 2 SULDATI (Lemin-1</u>)*

*Dawn imorru dritt fuq il-Prinċipessa u joħdulha l-ittra. Jagħtuha lis-sultan.*

*<u>SULDATI JITILQU 'L BARRA (Lemin-1</u>)*

*(Sultan jaqra l-ittra. Wara ftit...)*

SULTAN: Iz-ziju Federiku eh? Dolindo... it-tifel tal-Markiż Alfiero di Xpakka Muntanji. Dak l-imbeċilli ta' Markiż li lanqas biss għandu sold fuq hiex jaħlef. *(Jaqra)* Maħbuba ta' qalbi Ġjaċinta. Ma nistax insib kliem biex infissirlek kif il-ġmiel ta' għajnejk nifidli qalbi....

*<u>PRINĊIPESSA TIBKI -- SULTAN JAGĦTIHA L-ITTRA</u>*

SULTAN Imbeċilli daqs missieru! Mela għamilt sewwa jien li ktibtlu dik l-ittra..

REĠINA Lil min? X'ittra hi?

SULTAN Lill-Markiż Alfiero di Xpakka Muntanji. Ktibtli ittra ta' żewġ paġni. Għidtlu: "Jekk taħseb li se nkun daqshekk bla moħħ li nagħti permess lill-għażiża binti li tiżżewweġ lil dak l-imbeċilli ta' tifel fidil li għandek, sejjer imqarraq... u flok Xpakka Muntanji tispiċċa nixpakkalek rasek fi tnejn."

PRINĊESSA Imma jien lil Dolindo nħobb!

SULTAN *(Jimitaha)* Imma jien lil Dolindo nħobb! Għadek lanqas taf x'inhi mħabba int. Jekk tixtieq tħobb lil xiħadd nixtrilek kelb tal-but.

PRINĊESSA Imma jien lil Dolindo nħobb!

SULTAN Fittex itlaq lejn kamartek li ma ngħidlekx lil min tħobb! Mur. Sparixxi.

REĠINA *(Tersaq tgħannaq lil bintha)* Imxi ħanini... imxi... għax mid-dehra l-lejla missierek qed iħoss il-piż tas-saltna jagħfas fuqu xi ftit iżżejjed!

PRINĊESSA Imma jien lil Dolindo nħobb!

*__REĠINA U PRINĊIPESSA JITILQU.__ (Lemin-2)*

SULTAN Qed taraw kemm ikolli nħabbat wiċċi ma' nkwiet jien! Ma taħsbux li għandi raġun? Tfajla qatt m'għandha tibda tinnamra daqshekk minn kmieni. Xi tgħidu intom? U lanqas m'għandha tiżżewweġ lil min tħobb. Tfajla għandha tiżżewweġ biss raġel sinjur. Ma taqblux? Puh għalikom... lanqas magħkom ma nista' nieħu palju.

*__SULTAN JITLAQ__ (Xellug-1).*
*__JASAL IL-KANĊILLIER AWRELJO__ (Xellug-2)*

---

XENA 4
Prassede - Awreljo

AWRELJO *(Iħares u jfittex)* Maestà. Maestà. Fejn hu? Qaluli li s-Sultan bagħat għalija.. xbajt indur infittxu ma' kullimkien.

*__TIDĦOL PRASSEDE__ (Lemin-1)*

PRASSEDE Ara l-għażiż ħabib tagħna Awreljo. L-għodwa t-tajba Sur Kanċillier.

AWRELJO L-għodwa t-tajba sbejħa Nobbli Prassede. Qed infittex lill-Maestà Tiegħu.

PRASSEDE Issa ħallik mill-Maestà... jien ridt inkellmek ftit rasi u rasek.

AWRELJO Jaqaw ? X'inqala' ?

PRASSEDE Le, le... m'għandekx għalfejn tallarma ruħek. Poġġi bil-qiegħda. Naħseb inti smajt li t-tifel tal-Markiż Alfiero di Xpakka Muntanji tilef rasu wara l-Prinċipessa Ġjaċinta.

AWRELJO U... mhux bil-fors Nobbli Prassede!? Min jista' ma jitlifx rasu wara l-ġmiel bla qies tal-Prinċipessa Ġjaċinta! Kulħadd jgħid kemm ħarġet tixbhek tant!!

PRASSEDE Hekk hu, iva... ma jistax jonqos. Imma Dolindo tilef rasu warajha bis-serjetà. Irid jiżżewwiġha u Ġjaċinta ġġennet warajh. La trid taf b'ikel u lanqas bi rqad. Se taqsam qalbha, ruħi binti!

AWRELJO Imma, Nobbli Prassede, is-Sultan qatt mhu se jagħti l-kunsens tiegħu għal żwieġ bħal dan. Imissek taf biżżejjed kemm ma jinġiebx mal-Markiż Alfiero.

PRASSEDE Iva, naf! Kollox naf. U <u>għalhekk</u> għandi bżonn l-għajnuna tiegħek. Kulħadd jaf kemm is-Sultan joqgħod fuq dak li tgħidlu inti. Lilek biss jafda. Jekk jirnexxilek iddawwarlu fehmtu biex jagħti permess lil Dolindo jiżżewweġ lil bintu... lilek nieħu ħsiebek jien.

AWRELJO Tieħu ħsiebi inti!? *(Aside)* Interessanti dil-biċċa.
Hmmm ... eh... xi trid tfisser sewwa sew "nieħu ħsiebek jien"... ?

PRASSEDE *(Toħroġ borża flus minn ħobbha)* Jiġifieri hawn... qed nagħtik bil-quddiem is-somma ta' għaxart elef lira biex tipprova tikkonvinċi lis-sultan. U jekk jirnexxilek tikkonvinċih, lejlet it-tieġ nagħtik id-doppju.... għoxrin elf lira.

AWRELJO Għoxrin elf lira! Ħalli f'idejja nobbli Prassede. Inwiegħdek li nagħmel ħilti kollha. Jiena diġà nħossni konvint li l-Prinċipessa Ġjaċinta jaqblilha tieħu lil Dolindo bħala żewġha.

PRASSEDE Jaqblilha dażgur. Jaqbillu kulħadd.

AWRELJO Daqsxejn ta' grokk ċkejken biex nissiġillaw dan il-ftehim eh... xi tgħid ?

PRASSEDE Iva... imma ħaffef.  Taf biżżejjed kemm is-Sultan ma jkun irid lil ħadd jixrob.....

*AWRELJO JERSAQ LEJN IL-FLIXKUN TAX-XORB IMMA JIDĦOL IS-SULTAN GĦALL-GĦARRIEDA (Xellug-1).*
*MALLI PRASSEDE TINTEBAĦ BIS-SULTAN TITLAQ 'IL BARRA (Lemin-1)*

SULTAN Oh... Awreljo, il-ħabib fidil tagħna. Kif inti Sur Kanċillier ? *(Jaqbad il-flixkun tax-xorb u jħares lejh)* Qed ngħid bis-saħħa tiegħek... f'dan il-palazz, dejjem ikollna spirtu ta' ferħ.

AWRELJO Ħeqqq... hmmm. iva... hmmm ... qaluli li xtaqt tkellimni.

SULTAN Hekk hu *(iħares 'l hawn u 'l hinn bis-serqa)* Irid inkellmek ftit rasi u rasek għax għandi ħafna xorti xi ngħidlek.

AWRELJO *(Aside)* Kemm ġejjin sigrieti llum. Għidli, Maestà... għidli... fiex nista' nservik ?

SULTAN Inti smajt hux, bil-Kaptan tan-Navy Spanjola.... Rodriquez de Fonseca?

AWRELJO Dażgur li smajt. Kulħadd qed isemmih. Mistagħġbin kemm jixbhek.

SULTAN Hekk hu. Kulħadd qed isemmih, hux tassew? Tajjeb. Mela rridek twegħedni li dan li se ngħidlek ikun l-akbar sigriet ta' ħajtek u li jinżel miegħek ġol-qabar.

AWRELJO Inwiegħdek fuq l-Unur tiegħi ta' Kanċillier Irjali. Grokk ċkejken biex nurik kemm jien ta' kelmti ? *(Ikun se jmidd idu fuq il-flixkun)*

SULTAN *(Iżommlu idu)* Ismagħni sewwa. Il-Kaptan Spanjol Rodriquez de Fonseca ma jeżistix.

AWRELJO Kif inhi din ! !

SULTAN Hekk hu. Ma jeżistix! Dak ivvintajtu jien. Mhu ħadd ħlief jien stess.

AWRELJO Af li ma nista' nifhem xejn.

SULTAN Inti taf li darba fil-ġimgħa jiena mmur għall-arja tal-baħar.

AWRELJO Iva... ordni tat-tabib.

SULTAN Mhux eżatt. Ordni tiegħi lit-tabib biex hu jordnali l-arja tal-baħar. Insomma... apparti minn dan. Matul dik id-darba fil-ġimgħa, minflok għall-arja tal-baħar jiena mmur ġurnata niddeverti...

AWRELJO X'jiġifieri ?

SULTAN Immur ġo dwejra li għandi f'xatt il-baħar, nilbes l-uniformi ta' Kaptan Spanjol u mmur nitħallat man-nies tal-Belt. Immur niekol fir-resturanti. Immur it-teatru. Immur nara l-kummiedja u mmur iz-zoo. Nidħol fil-ħwienet tax-xorb, nixrob l-inbid u nilgħab il-karti. Kollox taparsi jiena l-Kaptan Spanjol li tant jixbah lis-sultan.

AWRELJO Prosit Maestà kemm ħsibtha sewwa. B'hekk ma jkollokx għalfejn toqgħod tinħeba. Kulħad mingħalih li inti l-Kaptan.

SULTAN Hekk hu. Pitgħada taħbat il-ġurnata tiegħi. Jien se nkun qed niekol fil- *Hotel La Rouge*, naturalment, taparsi l-Kaptan Spanjol. Irridek tiġi ssibni hemmhekk u tgħidli li s-Sultan irid ikellimni. B'hekk kulħadd iżid jemmen il-biċċa tax-xebh bejni u bejn il-Kaptan.

AWRELJO Imma pitgħada jaħbat lejlet għeluq snin ir-Reġina Flora u fil-palazz ikun hawn il-Ballu l-Kbir.

SULTAN Ma jimpurtax... aħna mmorru qabel il-ballu. *(jissamma')* Ixxx.. iskot...imxi mmorru nkomplu nitkellmu fil-ġnien għax donnu riesaq xi ħadd.

AWRELJO Grokk ċkejken... xi tgħid... bis-saħħa ta' din l-idea sublimi tiegħek?

SULTAN Grokk wieħed biss... ċkejken.

*<u>AWRELJO JKUN SE JMUR IFERRAGĦ; IMMA S-SULTAN JAĦTAFLU L-FLIXKUN U JFERRAGĦLU HU... GROKK DAQS TIKKA</u>.*

AWRELJO Bis-saħħa tas-sultan... ġeneruż... tagħna. *(Jixorbu)*

SULTAN Imxi... ħaffef.

*<u>JITILQU</u> (Xellug-2)*

*<u>JIDĦLU R-REĠINA U L-PRINĊIPESSA</u>*
*(Lemin-1)*

---

XENA 6
Reġina - Prinċipessa

REĠINA Ruħi inti ħalli kollox f'idejna. In-Nanna Prassede ġa bagħtitlu risposta ma' waħda mill-paġġi tagħha.

PRINĊESSA U jekk il-Papà jinduna ???

REĠINA Missierek ma jista' jinduna b'xejn. Mela nsejt li dak, darba fil-ġimgħa jmur iqatta' ġurnata waħdu għall-arja tal-baħar? Waqt li missierek ikun barra, aħna nistiednu lil Dolindo biex jiġi jarak... hawn fil-palazz.

PRINĊESSA Dolindo tiegħi... hawn fil-palazz??! Grazzi Mamà... grazzi.... inħoss qalbi se tinqasam.

REĠINA Imma ara ma taħsibx li se nħallukom waħidkom tafx. Toqogħdu bil-qiegħda hemm... fuq dak is-sufan. Inti 'l hawn u hu 'l hemm u n-Nanna Prassede bejnietkom.

PRINĊESSA Ma jimpurtax Ma. L-aqwa li nkun viċin tal-maħbub tiegħi Dolindo.

REĠINA Imma ara, qis li malli jibda joqrob il-ħin li missierek jiġi lura, Dolindo jaqbad iż-żiemel u jlebbet 'il barra mill-palazz.

PRINĊESSA Iva.. Mamà.... iva....

REĠINA U ara ma taqbiżlekx xi kelma quddiem is-sefturi, għax dawk kollox imorru jlabalbu u jekk isir jaf missierek bi kbira tkun. Issa imxi għax għad irridu nippruvaw l-ilbiesi li se nżanżnu għall-ballu ta' għeluq snini.

PRINĊESSA U dak inhar nerġa' nara lil Dolindo ta' qalbi.

*<u>REĠINA U PRINĊIPESSA JITILQU</u> (Lemin-2)*

*<u>JIDĦLU PRASSEDE U KAPTAN FJAKK</u> (Xellug-1)*

---

XENA 7

Prassede - Fjakk

PRASSEDE Ersaq... ersaq lil hawn. *Relax*... isa.. *relax*... poġġi bil-qiegħda.

FJAKK X'inhu? Inpoġġi bil-qiegħda fil-preżenza tan-nobbli Prassede? Le... dan ma jkun qatt.

PRASSEDE Kollox sew mela ibqa' il-wieqfa, imma m'hemmx għalfejn toqgħod dritt donnok xemgħa ġo kandlier.

FJAKK Jekk ma noqgħodx dritt daqs xemgħa ġo kandlier, jien ma nkunx nista' nikkonċentra.

PRASSEDE Tajjeb, mela oqgħod wieqaf dritt daqs xemgħa ġo kandlier u ismagħni sewwa. Inti trid taqla'... għaxart elef lira??

FJAKK *(Jinħasad u ma jibqax wieqaf dritt kif kien)* X'inhu? Għaxart elef lira għidt??

PRASSEDE Malajr tgħawġet ix-xemgħa, qed ingħid. Iva, għaxart elef lira.

FJAKK Dażgur.. dażgur.. mela jien qatt rajt b'għajnejja għaxart elef lira?!

PRASSEDE Jekk trid, dawn jistgħu jkunu tiegħek mill-aktar fis. Imma teħtieġ daqsxejn tas-sogru.

FJAKK Għidli, għidli. Il-Kaptan Fjakk qatt ma beża' mis-sogru.

PRASSEDE Insomma, jekk toqgħod tqis lanqas mhu xi sogru kbir iżżejjed. Kemm tixħet qatra ċkejkna likwidu ġo tazza ta' l-inbid.

FJAKK Daqshekk biss? U naqla' għaxart elef lira???

PRASSEDE Anzi qed ngħid... jekk ikunu <u>tliet</u> qatriet aħjar.

FJAKK U.... għal għaxart elef lira lest nixħet imqar gallun sħiħ. Għidli x'qatriet huma li tridni nixħet ?

PRASSEDE *(b'ħafna biża' u ħars minn taħt 'l hawn u 'l hinn)* Tliet qatriet velenu fit-tazza tas-sultan.

FJAKK *(B'leħen għoli)* Velenu fit-tazza tas-sultan???

PRASSEDE Ixxx... iskot ja defiċjenti....

FJAKK Imma jaħasra dak delitt kbir! U jekk ninqabad?? Jien għandi l-mara u sitt itfal.... jew sebgħa... minix ċert!

PRASSEDE Min tridu jaqbdek? Malli s-sultan *jistira*, ir-Reġina binti tibda tikkmanda minfloku. Taħseb li r-reġina sejra takkużak?

FJAKK Iva tassew... imma... afli din mjix biċċa taċ-ċajt. Naħsibha.

PRASSEDE *(Toħroġ il-flixkun tal-velenu minn ħobbha u tbandlu quddiem wiċċ Fjakk)* Għaxart elef lira... tad-deheb... ileqqu.. sbieħ... sbieħ.

FJAKK *(Jieħu l-flixkun f'idu)* Insomma x'irid ikun. Jew għaxart elef lira fil-but jew ingassa m'għonqi. Imma tgħaġġilnix tafx. Irrid nara meta nsib il-waqt adattat. Din mhix biċċa taċ-ċajt.

PRASSEDE U kliem ma' ħadd. Jien u inti qatt ma tkellimna.

FJAKK Kif inhi din??

PRASSEDE Qatt ma ltqajna. Qatt ma għidna nofs ta' kelma. Mur fuq xogħlok.

FJAKK Mela dażgur, dażgur... arani sejjer.

*<u>FJAKK JITLAQ</u> (Xellug-1)*
*<u>PRASSEDE TITLAQ</u> (Lemin-2)*
*<u>JIDĦLU R-REĠINA U T-TABIB</u> (Lemin-1)*

XENA 8
Reġina - Tabib - Sultan

TABIB Issa kif tħossok, Maestà?

REĠINA Issa għaddieli. M'għandi xejn. Kienet biss taqliba ta' mument.

TABIB Inti għandek wisq inkwiet, Maestaċ.... m'għandekx min japprezza biżżejjed il-ġentilezza tiegħek, il-qalb nobbli, il-ħlewwa.... il-ġmiel!

REĠINA Hekk taħseb ?

TABIB U hekk hu. Il-Maestaċ Tiegħu , il-kbir s-Sultan tagħna.... miskin għandu wisq fuq spallejh u fuq moħħu. Ma jkollux ħin biżżejjed biex japprezża t-teżor kbir li għandu.

REĠINA Le tafx... sejjer imqarraq... is-sultan tgħidx kemm iqatta' ħin fil-kamra tat-teżor, mal-Kanċillier, jgħodd id-deheb u jiċċekkja li kollox f'postu.

TABIB Le, le ma fhimtnix. Mhux għal <u>dak</u> it-teżor qed ngħid. Qed nirreferi għal Teżor ieħor, aqwa isbaħ... teżor mimli ġentilezza.

REĠINA Iskot, Dr. Siġismondo. Inti tassew qalbek tajba.

TABIB Oh xi dnub li warda bħalek ikollha tqatta' ħajjitha hekk, mormija qalb ix-xewk, bla ma ħadd japprezzaha. *(Jaqbdilha idha)* Maestaċ.

*<u>JIDĦLU S-SUTAN U AWRELJO</u> (Xellug-2)*

TABIB *(JInfixel... jibdel it-ton ta' leħnu)* Hmmm.. iva, Maestaċ, għandek il-polz mhux itektek kif suppost. Nissuġġerilek ftit tal-mistrieħ.

SULTAN X'għandu l-polz tal-Maestaċ Tagħha?

TABIB Qed inħossu jtektek bil-mod iżżejjed.

SULTAN *(Jersaq bil-ħeffa jaqbad il-polz tat-Tabib)* Mela mhux bħall-polz tiegħek għax għaddej itektek donnu żiemel maħrub.
Dr. Siġismondo hemm tnejn mis-sefturi qed jgħidu li ma jifilħux. Aħjar tfittex tmur tgħidilhom li m'għandhom xejn u tqajjimhom fuq saqajhom mill-ġdid.

TABIB Iva Maestaċ.

SULTAN U kif tkun lil hemm inżel agħti daqqa t'għajn liż-żiemel l-abjad. Dal-għodu qam bis-sogħla u bil-flissjoni. Fil-palazz m'għandix imkatar kbar biżżejjed għalih. Issa mur... sparixxi.

TABIB Kollox sew Maestaċ.

*<u>TABIB JITLAQ</u>. (Lemin-1)*
*<u>SULTAN JINTEBAĦ LI R-REĠINA GĦADHA HEMM</u>.*

SULTAN Inti għadek hawn? *(Ironiku)* Għażiża tiegħi, mhux aħjar tmur isserraħ ftit riġlejk biex dak il-polz ċkejkuni tiegħek jerġa' jibda jtektek kif għandu jkun. Isa pespusa tiegħi... mur strieħ... mur.

REĠINA Arani sejra Maestaċ...

*<u>REĠINA TITLAQ</u> (Lemin-2)*

XENA 9

Sultan - Awreljo

SULTAN Hekk, sa fl-aħħar ħallewna ftit bil-kwiet. Lanqas fil-ġnien ma stajna ngħidu kelma. Dik Prassede tafx... dik il-wiċċ ta' gamblu! Jien ngħid li dik ix-xifajk qed tissuspetta xi ħaġa dwar il-biċċa tal-Kaptan Spanjol.

AWRELJO Maestaċ, jien xtaqt inkellmek ftit dwar il-Prinċipessa Ġjaċinta.

SULTAN X'reġa' ġralha Ġjaċinta...?

AWRELJO Jaħasra... qaluli li qalbha maqsuma bl-imħabba... Hemm dak il-ġuvnott grazzjuż it-tifel tal-Markiż Alfiero di Xpakka Muntanji...

SULTAN Isemmilix lil dak l-imbeċilli. Ma rridx naf. *(jibdel it-ton)* Awreljo, jien ngħid li Prassede qed tissuspetta xi ħaġa.

AWRELJO Dwar il-Markiż ???

SULTAN U x'Markiż, Markiż...! Dwar il-biċċa tal-Kaptan Spanjol. Prassede mneħirha twil u għandha mnejn dil-biċċa ma belgħethiex għal kollox.

AWRELJO Ħeqq Maestà.... Prassede ġurdien xiħ. Mhux la kemm tibla' kull ma tisma'. Sakemm... sakemm hi stess ma tiltaqax wiċċ imb' wiċċ mal-Kaptan!

SULTAN X'inti tħawwad Awreljo? Kif jista' jkun Li Prassede tiltaqa' wiċċ imb'wiċċ mal-kaptan, jekk il-kaptan ma jeżistix?

AWRELJO Dażgur li jeżisti! Meta inti toħroġ mill-palazz u tilbes dik l-uniformi, il-Kaptan Rodriquez de Fonseca jibda teżisti. Ismagħni sewwa Maestà. Inti bħala l-Kaptan Spanjol jeħtieġ li tiġi hawn, fil-palazz biex tiltaqa' mas-Sultan.

SULTAN Kif inhi din? Mela jiena nista' niltaqa' miegħi nnifsi ?

AWRELJO Dażgur li tista'. Taparsi smajt li s-Sultan jixtieq jarak u ġejt minn rajk biex tkellmu. Naturalment, b' kumbinazzjoni, dak in-nhar li l-Kaptan Spanjol jiġi biex jarak, is-sultan jinzerta barra mill-palazz.

SULTAN Imbagħad ?

AWRELJO Imbagħad Prassede u r-Reġina u kull min hawn fil-palazz jikkonfermaw li l-Kaptan Rodriquez jeżisti tassew, u li jixbhek perfettament...

SULTAN Qattus ix-xjafek... tafx li l-biċċa qed togħġobni! Mur ara dik il-gamblu ta' Prassede kif tibqa' ċċassata malli tarani quddiemha: Il-Kaptan Spanjol Rodriquez de Fonseca li b'għaġeb ta' l-għeġubijiet jixbah perfettament lis-Sultan. Wiċċu n-nattiv.

AWRELJO Però inti qis li ġġib ruħek b'mod differenti mis-soltu.

SULTAN X'jiġifieri?

AWRELJO Ipprova kun magħhom ġentili, kollok kumplimenti u ħlewwa fi kliemek.

SULTAN Mhux dejjem hekk inġin ruħi jien!! Stenna... imma pitgħada jaħbat lejlet għeluq snin ir-reġina u fil-għaxija jkollna l-Ballu l-Kbir....

AWRELJO Iva... inti, jiġifieri l-Kaptan, taparsi tinsab mgħaġġel għax għandek ħafna xogħol jistenniek.... xogħol ta' natura sigrieta; u għalhekk meta tara li s-Sultan mhux qiegħed hemm u li se jdum il-ġurnata kollha barra, taqbad u tmur lura mnejn ġejt. U naturalment, fil-għaxija jasal is-Sultan.... li malli jgħidulu li l-Kaptan Spanjol ġie jfittxu tgħidx kemm jiddispjaċih.

SULTAN Għażiż tiegħi Awreljo, ikolli nammetti li inti tassew ġenju.

AWRELJO *(iħares lejn ix-xorb)* Grokk biex niċċelebraw, xi tgħid ?

SULTAN Bħal issa inti tinsab *on duty* u inti taf biżżejjed li waqt li tkun *on duty* jiena ma nippermetti l-ebda xorb.

AWRELJO U dwar it-tifel tal-Markiż Alfiero di Xpakka Muntanji, kif se nibqgħu?

SULTAN X'jiġifieri kif se nibqgħu? Il-verdett tiegħi ġa tajtu. Le! Jekk ħaseb li se nħallih jersaq imqar millimetru lejn binti sejjer imqarraq!

AWRELJO Imma Maestaċ.... jiena smajt li Dolindo, meta jmut zijuh... ħu ommu, se jiret ġid kbir.

SULTAN Jiret il-ġenn kollu ta' missieru! Ara, issa ħallina minn dan. Għal pitgħada mela. U inti qis li pitgħada tkun hawn, eh... biex tilqa' lill-Kaptan tan-Navy Spanjola Rodriquez de Fonseca. U lil Prassede ngħadduha waħda biż-żmien li għad tibqa' tissemma.

AWRELJO Lanqas nofs grokk... ċkejken.... eh ?

SULTAN Awreljo!

AWRELJO Lanqas nofs tan-nofs ?

SULTAN AWRELJO !

*FREEZE & FADE LIGHTS TO BLACKOUT*

----------------------------------------------------------------

S E P A R J U

----------------------------------------------------------------